

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2011**

10. Jitlob lill-awtoritajiet Indoneżjani biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem minn membri tal-forzi tas-sigurtà u biex jipprosekutaw lil dawk li jinstabu li kienu responsabbli, inkluż persuni b'responsabbiltà li jikkmandaw;
11. Jitlob għal ħelsien immedjat u bla kondizzjoni tal-priġunieri kollha b'kuxjenza u li ġew arrestati u akkużati sempliċement abbażi tal-involviment tagħhom fi protesta politika paċifika, li huwa kuntrarju għall-ispirtu tal-Liġi Awtonoma Speċjali tal-2011 li tat lil Papuani, Maluku u lil minoranzi etniċi u reliġjużi oħra d-dritt li jesprimu l-identità kulturali tagħhom;
12. Jitlob lid-delegazzjoni tal-UE u lil missjonijiet diplomatiċi tal-Istati Membri biex ikomplu jissorveljaw mill-qrib is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment f'reġjuni sensittivi bħall-Papua, il-Moluccas u l-Aceh;
13. Jenfasizza l-importanza li tiġi inkluża dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'enfasi speċjali fuq il-libertà reliġjuża u r-rispett tal-minoranzi, fid-djalogu politiku fil-qafas tal-FSK bejn l-UE u l-Indoneżja;
14. Jitlob lil-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex tappoġġa s-soċjetà ċivili Indoneżjana u l-organizzazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem li jipromwovu b'mod attiv id-demokrazzija, it-tolleranza u l-ko-eżistenza paċifika bejn gruppi etniċi u reliġjużi differenti;
15. Jagħti struzzjonijiet lill-President biex jibgħat din ir-riżoluzzjoni lill-Gvern u lill-Parlament tal-Indoneżja, il-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, il-Kummissjoni, il-gvernijiet u l-parlament tal-Istati Membri, il-Kummissjoni Intergovernattiva tal-ASEAN dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.

---

**L-Indja b'mod partikolari s-sentenza tal-mewt ta' Davinder Pal Singh**

P7\_TA(2011)0342

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2011 dwar l-Indja, b'mod partikolari l-kundanna tal-mewt għal Davinder Pal Singh**

(2013/C 33 E/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti 63/168, li ssejjaħ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti 62/149 tat-18 ta' Diċembru 2007, meta 106 pajjiż ivvotaw favur riżoluzzjoni li titlob moratorju dinji fuq is-sentenzi tal-mewt u l-eżekuzzjonijiet, b'34 astensjoni u b'biss 46 vot kontra r-riżoluzzjoni,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti 65/206 tal-21 ta' Diċembru 2010 dwar moratorju fuq l-użu tal-piena kapitali,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena Kapitali,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2007 dwar moratorju universali fuq il-piena kapitali <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-1994 bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Indja,

---

(1) ĠU C 219E, 28.8.2008, p. 306.

Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2011

- wara li kkunsidra d-Djalogu Tematiku UE-Indja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar Jum Dinji kontra l-piena kapitali <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fl-2011 – sa Mejju – twettqu eżekuzzjonijiet f'disa' pajjiżi biss, indikazzjoni ċara li qed jikber dejjem aktar r-rikonossiment dinji tan-natura krudili u inġusta tal-piena kapitali,
- B. billi l-Indja ilha ma timplimenta l-piena kapitali mill-2004,
- C. billi ngħatat approvazzjoni għall-eżekuzzjoni ta' żewġ ħabsin,
- D. billi, fuq rakkomandazzjoni tal-Ministeru tal-Intern tal-Unjoni, il-President tal-Indja, Pratibha Patil, irrifjuta l-petizzjonijiet għal reviżjoni mressqa skont l-Artikolu 72 tal-Kostituzzjoni Indjana fisem Davinder Pal Singh Bhullar, mill-Punjab, u Mahendra Nath Das, mill-Assam,
- E. billi Mahendra Nath Das ġie kkundannat għall-mewt fl-1997 wara li nstab ħati ta' qtil, billi r-rimedji legali kollha ġew eżawriti u billi l-eżekuzzjoni tiegħu ġiet sospiża sal-21 ta' Lulju 2011 mill-Qorti Għolja ta' Gauhati fl-Assam (fil-Grigal tal-Indja), minħabba li l-Gvern Indjan talab li jingħata żmien biex jirrispondi lill-Qorti,
- F. billi Davinder Pal Singh Bhullar ġie kkundannat għall-mewt fid- 29 ta' Awwissu 2001 wara li nstab ħati li kien involut fl-attakk bil-bombi tal-1993 fuq l-Uffiċċju taż-Żgħażaġħ tal-Congress fi New Delhi,
- G. billi ċ-ċirkustanzi madwar ir-ritorn ta' Davinder Pal Singh Bhullar lejn India mill-Ġermanja u ż-żmien twil li Mahendra Nath Das għadda l-ħabs jistenna l-eżekuzzjoni jagħtu lok għal tħassib,
- H. billi l-Indja, hija u tippreżenta l-kandidatura tagħha għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem qabel l-elezzjonijiet tal-20 ta' Mejju 2011, impenjat ruħha li żżomm l-ogħla standards f'dak li jirrigwarda l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem,
1. Jesprimi t-tħassib gravi tiegħu li l-Gvern tal-Indja jista' jerġa' jibda japplika l-piena kapitali wara moratorju *de facto* ta' seba' snin, u b'hekk imur kontra x-xejra dinjija lejn l-abolizzjoni tal-piena kapitali;
  2. Itenni l-appoġġ sod tiegħu għas-sejħa tal-Assemblea Ġenerali tan-NU għall-istabbiliment ta' moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet bil-għan li l-piena kapitali tiġi abolita;
  3. Jappella b'urġenza lill-Gvern tal-Indja biex ma jwettaqx l-eżekuzzjoni ta' Davinder Pal Singh Bhullar jew ta' Mahendra Nath Das, u li jikkommuta s-sentenzi tal-mewt tagħhom;

<sup>(1)</sup> Testi adottati, P7\_TA(2010)0351.

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2011**

4. Jistieden lill-awtoritajiet Indjani jittrattaw il-każijiet ta' Davinder Pal Singh Bhullar u Mahendra Nath Das b'mod partikolarment trasparenti;
  5. Jistieden lill-Gvern u lill-Parlament tal-Indja jadottaw leġislazzjoni li tintroduċi moratorju permanenti fuq l-eżekuzzjonijiet bil-għan li jabolixxu l-piena kapitali fil-ġejjieni qarib;
  6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Indja, lill-Ministru tal-Liġi u l-Ġustizzja tal-Indja, lill-Ministru tal-Intern tal-Indja, lill-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.
-